**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2023/2059(INI)**

14.10.2023

# EMENDI
# 1 - 294

**Abbozz ta' rapport**
**Tom Berendsen**
(PE750.225v01-00)

It-tfassil ta' strateġija portwarja Ewropea komprensiva
((2023/2059(INI))

**Emenda 1**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Benoît Lutgen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima adottat mill-Kunsill Ewropew fl-24 ta' Ġunju 2014,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna"*** |

***(COM(2020)0380),***

Or. en

**Emenda 4**
**Benoît Lutgen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE adottat mill-Kunsill Ewropew fis-26 ta' Ġunju 2018,*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali,*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1d (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | – *wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar,* |

Or. en

**Emenda 7**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1e (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli,*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1f (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE: “Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija”,*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1g (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali (2022/0347(COD) [għadha qed tiġi nnegozjata],*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" tal-20 ta' Ġunju 2023 (JOIN(2023) 20 final),*** |

Or. en

**Emenda 11**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Marzu 2019 bit-titolu "UE-Ċina – Perspettiva strateġika" (JOIN(2019)0005),*** | ***imħassar*** |

Or. pt

**Emenda 12**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern,*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern,*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Benoît Lutgen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-*** |

***suq intern[2a],***

***[2a] ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1–45***

Or. en

**Emenda 15**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni[3],*** | ***imħassar*** |

***[3] ĠU L 79I, 21.3.2019, p. 1.***

Or. pt

**Emenda 16**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern,*** |

Or. en

**Emenda 17**

**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 12b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpanniji marittimi tal-linja (konsorzji),*** |

Or. en

**Emenda 18**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar strateġija UE-Ċina ġdida***[6]***,*** | ***imħassar*** |

[6] ***ĠU C 117, 11.3.2022, p. 40.***

Or. pt

**Emenda 19**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2019 dwar it-theddid għas-sigurtà marbut mal-preżenza teknoloġika Ċiniża li qed tiżdied fl-UE u*** | ***imħassar*** |

***azzjoni possibbli fil-livell tal-UE biex jitnaqqas***[8]***,***

***[8] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 2.***

Or. pt

**Emenda 20**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpanniji marittimi tal-linja (konsorzji),*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A.	billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol ***kruċjali*** fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, ***kemm*** billi jiffaċilitaw il-kummerċ ***kif ukoll fit-tranżizzjoni*** tal-enerġija; | A.	billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol ***li qed isir dejjem aktar importanti*** fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, billi jiffaċilitaw il-kummerċ***, peress huma nodi ta' enerġija, raggruppamenti ta' attivitajiet trasformattivi u industrijali (bħall-bini tal-vapuri u l-ikkastjar), l-ekonomija blu, u bħala faċilitaturi tal-mobilità militari; minbarra r-rwol loġistiku tagħhom f'salib*** |

| | |
|---|---|
| | ***it-toroq tal-ktajjen tal-provvista, il-portijiet huma sħab kruċjali biex l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa jgħaddu minn tranżizzjoni*** tal-enerġija ***realistika u konkreta billi jippermettu l-produzzjoni, il-provvista u l-importazzjoni ta' enerġiji u teknoloġiji nodfa kif ukoll billi jiffaċilitaw il-katina tal-provvista għat-twettiq tal-Pjan ta' Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti***; |

Or. en

**Emenda 22**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol ***kruċjali*** fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, ***kemm*** billi jiffaċilitaw il-kummerċ ***kif ukoll fit-tranżizzjoni*** tal-enerġija; | A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol ***li qed isir dejjem aktar importanti*** fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, billi jiffaċilitaw il-kummerċ***, peress li huma nodi ta' enerġija, raggruppamenti ta' attivitajiet industrijali u tal-ekonomija blu, u bħala faċilitaturi tal-mobilità militari; minbarra r-rwol loġistiku tagħhom f'salib it-toroq tal-ktajjen tal-provvista, il-portijiet huma sħab kruċjali biex l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa jgħaddu minn tranżizzjoni*** tal-enerġija ***realistika u konkreta billi jippermettu l-produzzjoni, il-provvista u l-importazzjoni ta' enerġiji u teknoloġiji nodfa kif ukoll billi jiffaċilitaw il-katina tal-provvista għat-twettiq tal-Pjan ta' Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti***; |

Or. en

**Emenda 23**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u ***għalhekk*** għandhom rwol kruċjali ***fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, kemm billi*** jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll ***fit-tranżizzjoni*** tal-enerġija; | A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u ***fl-istess waqt*** għandhom rwol kruċjali ***biex jikkombinaw u jissalvagwardjaw varjetà ta' attivitajiet kostali differenti għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna, tal-komunitajiet kostali, tal-ambjent tal-baħar u ta' oċeani b'saħħithom billi jgħinu jżommu ħabitats naturali tal-kosta, itejbu l-kwalità tal-arja f'konurbazzjonijiet madwar il-portijiet,*** jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll ***it-tranżizzjoni*** tal-enerġija ***tagħna***; |

Or. en

**Emenda 24**
**Caroline Nagtegaal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, kemm billi jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, kemm billi jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija; ***billi, bħala ċentri tal-enerġija, il-portijiet għandhom rwol vitali biex jiffaċilitaw il-produzzjoni ta' enerġija sostenibbli u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija, ***il-ġid*** u l-impjiegi ***tagħna***, kemm billi jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll ***fit-tranżizzjoni tal-enerġija***; | A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja***, is-sinsla tal-ekonomija u l-kompetittività tal-UE, u jservu bħala dħul fl-Ekonomija Blu,*** u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija ***tagħna***, ***billi jipprovdu l-ġid*** u l-impjiegi, kemm billi jiffaċilitaw il-kummerċ ***estern*** kif ukoll ***l-investiment, u billi jgħaqqdu mal-art interna***; |

Or. en

**Emenda 26**
**Benoît Lutgen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, kemm billi jiffaċilitaw il-kummerċ ***kif ukoll*** fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali ***fl-awtonomija strateġika,*** fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna, kemm billi jiffaċilitaw il-kummerċ***,*** fit-tranżizzjoni tal-enerġija***, iżda fl-istess waqt billi għandhom użu doppju u dimensjoni militari***; |

Or. en

**Emenda 27**
**Cláudia Monteiro de Aguiar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna***, kemm*** billi jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | A. billi l-portijiet tagħna huma l-gateways tal-Unjoni Ewropea għad-dinja u għalhekk għandhom rwol kruċjali fl-ekonomija, il-ġid u l-impjiegi tagħna***. għall-koeżjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi, u*** billi jiffaċilitaw il-kummerċ kif ukoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 28**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-iżviluppi ekonomiċi attwali jissuġġerixxu reġjonalizzazzjoni kummerċjali dinjija li għadha għaddejja li tista' ssir strutturali fil-futur, li toħloq sfidi kompetittivi ġodda għall-portijiet Ewropej, li għalhekk għandhom jistabbilixxu rabtiet intrareġjonali aktar mill-qrib u jqassru l-konnessjonijiet biex jingħataw il-provvisti u jagħmlu r-rotot ta' importazzjoni/esportazzjoni aktar reżiljenti;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-portijiet madwar l-UE kollha se jsiru vulnerabbli għall-konsegwenzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-klima li qed tisħon; billi is-saffi tas-silġ u l-glaċieri qed ikomplu jdubu, il-livelli tal-baħar mistennija jogħlew b'konsegwenzi sinifikanti għaż-żoni portwarji u l-operazzjonijiet tal-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 30**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-portijiet huma ċentri tal-enerġija kruċjali li huma vitali għall-provvista, għall-produzzjoni, għall-forniment u għall-ħażna tal-enerġija u għalhekk huma assi kruċjali fil-missjoni tal-UE li ssir strateġikament awtonoma u aktar reżiljenti;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Benoît Lutgen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-Unjoni Ewropea enfasizzat ix-xewqa tagħha li tkun aktar awtonoma fis-setturi strateġiċi, iżda għamlet ftit biex twieġeb għat-tkabbir taċ-Ċina fis-settur marittimu u r-riperkussjonijiet tiegħu għas-sigurtà;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti, Elsi Katainen, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-portijiet għandhom rwol kruċjali għat-tranżizzjoni tal-ekonomija u tal-enerġija tal-Ewropa billi jippermettu l-produzzjoni, il-provvista u l-importazzjoni ta' enerġiji u teknoloġiji nodfa, inkluż għall-idroġenu;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-portijiet Ewropej spiss jikkompetu ma' portijiet ta' pajjiżi terzi fejn investimenti barranin minn pajjiżi terzi qed iwasslu għal vantaġġ kompetittiv akbar, li diġà nħoloq minħabba nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-istandards ta' sostenibbiltà, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-piżijiet fiskali;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-portijiet kellhom rwol indispensabbli fil-maniġġar ta' kriżijiet tal-UE, billi żguraw it-tkomplija tal-ktajjen tal-provvista u l-istabbiliment ta' rotot alternattivi;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi l-portijiet ġeddew l-importanza mill-aspett militari u ta' difiża;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; | B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu ***rikonoxxuti u*** vvalutati bħala tali; ***billi l-portijiet reġgħu wrew dan ir-rwol vitali u reżiljenti matul il-kriżijiet Ewropej u internazzjonali reċenti u dawk li għaddejjin, inkluż il-pandemija tal-COVID u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna billi żguraw il-kontinwità tal-ktajjen tal-provvista u billi stabbilew rotot alternattivi, kif ukoll fil-kriżi tal-enerġija billi ssalvagwardjaw is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa, inkluż*** |

| | |
|---|---|
| | ***permezz tal-istabbiliment fuq perjodu ta' żmien qasir ta' rotot alternattivi għall-forniment tal-LNG u ż-żieda tal-ħażna tal-gass tal-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; | B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; ***billi l-portijiet reġgħu wrew dan ir-rwol vitali u reżiljenti matul il-kriżijiet Ewropej u internazzjonali reċenti u dawk li għaddejjin, inkluż il-pandemija tal-COVID u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna billi żguraw il-kontinwità tal-ktajjen tal-provvista u billi stabbilew rotot alternattivi, kif ukoll fil-kriżi tal-enerġija billi ssalvagwardjaw is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa, inkluż permezz tal-istabbiliment fuq perjodu ta' żmien qasir ta' rotot alternattivi għall-forniment tal-LNG u ż-żieda tal-ħażna tal-gass tal-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; | B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali***, speċjalment għall-gżejjer u għar-reġjuni ultraperiferiċi fejn il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***portijiet iservu biss bħala l-unika konnessjoni soċjali u ekonomika essenzjali għall-bqija tal-Unjoni,*** u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; ***billi dan ir-rwol vitali ntwera speċjalment matul il-pandemija tal-COVID-19 meta l-ħaddiema essenzjali fil-portijiet komplew iwasslu servizzi vitali u biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-provvista tal-merkanzija lil gżejjer u komunitajiet iżolati;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; | B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali***, qed jagħmlu t-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika, isaħħu l-objettiv tal-UE li tagħmel il-ktajjen tal-provvista aktar reżiljenti, u huma faċilitaturi fit-tranżizzjoni ġusta,*** u ***għalhekk*** għandhom jiġu vvalutati bħala tali; |

Or. en

**Emenda 40**
**Mario Furore**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; | B. billi l-portijiet iwettqu servizz pubbliku vitali***, ħafna minn dawn jitqiesu infrastrutturi kritiċi li jirrappreżentaw il-patrimonju ta' pajjiż*** u għandhom jiġu |

| | |
|---|---|
| | vvalutati bħala tali; |

Or. it

**Emenda 41**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-portijiet ***iwettqu servizz pubbliku*** vitali u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; | B. billi l-portijiet ***għandu jkollhom rwol*** vitali ***fis-servizzi pubbliċi*** u għandhom jiġu vvalutati bħala tali; |

Or. en

**Emenda 42**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-portijiet jiffurmaw nodu vitali għar-raggruppamenti tal-industrija u l-ekonomija blu, billi jippermettu lin-negozji lokali, speċjalment l-SMEs, jirnexxu fis-suq internazzjonali u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni tal-enerġija billi jippermettu l-produzzjoni, il-provvista u l-importazzjoni ta' enerġiji u teknoloġiji nodfa, inkluż l-idroġenu;*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***Ba. billi inizjattivi bħall-"inizjattiva Portijiet għall-Poplu", fost affarijiet oħra, għandhom l-għan li jwaqqfu l-akkumulazzjoni tal-fjuwils fossili tal-portijiet, iħaffu l-elettrifikazzjoni tal-portijiet, iwaqqfu proġetti ta' bunkering tal-fjuwils fossili u jappoġġjaw fjuwil b'emissjonijiet żero;*** |

Or. en

**Emenda 44**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***Ba. billi l-portijiet huma essenzjali għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fuq l-ilma, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-leġiżlazzjoni relatata;*** |

Or. en

**Emenda 45**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bb (ġdida)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***Bb. billi tali approċċ multidixxiplinari kien għadu ma ssarrafx mill-Kummissjoni Ewropea, li rriżulta fi frammentazzjoni tar-regolamenti relatati mal-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bc.*** ***billi l-portijiet huma parti minn ekosistema fuq l-ilma usa' li tinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż it-trasport marittimu, il-bini ta' vapuri, il-manifattura ta' tagħmir marittimu, in-navigazzjoni interna u l-loġistika;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi***, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju, għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx bejniethom għad-detriment*** tas-sigurtà jew ***b'żieda fil-kontroll*** barrani ***permezz tal-investimenti***; | C. billi ***l-qafas leġiżlattiv u ekonomiku kurrenti jistabbilixxi l-portijiet biex ikunu f'relazzjoni kompetittiva ma' xulxin; billi hemm benefiċċji x'jinkisbu minn żieda fil-kooperazzjoni, pereżempju fl-oqsma*** tas-sigurtà jew ***il-kontroll finanzjarju u operazzjonali*** barrani; |

Or. en

**Emenda 48**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi***, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju,*** għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx ***bejniethom għad-detriment tas-sigurtà jew b'żieda fil-kontroll barrani permezz tal-investimenti***; | C. billi għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx ***bejn il-portijiet f'isem il-kompetizzjoni***; |

Or. pt

**Emenda 49**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju, għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx bejniethom għad-detriment tas-sigurtà ***jew b'żieda*** fil-kontroll barrani ***permezz tal-investimenti***; | C. billi, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju, għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx bejniethom għad-detriment tas-sigurtà***, żieda fl-influwenza politika jew*** fil-kontroll barrani ***minn entitajiet mhux tal-UE, jew detrimenti għas-soċjetà jew l-ambjent***; |

Or. en

**Emenda 50**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju, għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx bejniethom għad-detriment tas-sigurtà jew b'żieda ***fil-kontroll barrani*** permezz tal-investimenti; | C. billi, filwaqt li l-kompetizzjoni bejn il-portijiet hija ta' benefiċċju, għandha tiġi evitata ġirja lejn l-iktar livell baxx bejniethom għad-detriment tas-sigurtà jew b'żieda ***fl-influwenza politika*** permezz tal-investimenti ***minn Intrapriżi tal-Istat Rivali Sistemiċi (SRSOEs)***; |

Or. en

**Emenda 51**
**Nicola Danti, Izaskun Bilbao Barandica, Elsi Katainen, José Ramón Bauzá Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi, filwaqt li l-estensjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) fis-settur marittimu hija milqugħa tajjeb, għandha tingħata attenzjoni lill-effetti negattivi - kemm f'termini ta' tnaqqis ta' kompetittività tal-portijiet tal-UE kif ukoll iż-żieda ta' rilokazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-karbonju - ta' mġiba evażiva kkawżata mir-rilokazzjoni potenzjali tal-attivitajiet ta' trażbord fil-portijiet barra mill-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi l-kooperazzjoni akbar bejn il-portijiet u l-klijenti tista' tevita trasport bit-triq mhux meħtieġ u li jagħmel aktar ħsara lill-ambjent madwar l-Ewropa kollha permezz ta' enfasi fuq ippjanar tal-loġistika effiċjenti u billi jintużaw portijiet li huma ġeografikament l-eqreb għad-destinazzjoni finali tas-suq tal-merkanzija tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi, wara l-privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni promossi mill-Unjoni Ewropea, is-settur portwarju qed jibbaża dejjem aktar fuq impjiegi mhux stabbli u b'paga ħażina;*** |

Or. pt

**Emenda 54**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. billi aktar kooperazzjoni bejn il-portijiet tkun ta' benefiċċju f'termini ta' investimenti effiċjenti fl-infrastruttura tal-port u l-fjuwil sabiex tiġi evitata l-ħela ta' riżorsi u l-flus pubbliċi ħalli jinbnew kapaċitajiet li eventwalment ma jintużawx biżżejjed;*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cc. billi strateġija Ewropea għall-portijiet jeħtieġ li tqis l-għanijiet tal-Patt*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ekoloġiku, b'mod speċjali, iżda mhux limitat, għar-rwol essenzjali tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-ambizzjoni ta' tniġġis żero;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Bergur Løkke Rasmussen, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi ***l-entitajiet*** mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi ***l-intrapriżi tal-istat*** mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej***, li jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jippreżervaw il-kompetittività tas-settur tat-trasport marittimu Ewropew***; |

Or. en

**Emenda 57**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi ***l-entitajiet*** mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi l-***Intrapriżi tal-Istat Rivali Sistemiċi***[8a] mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; |
| | ___________________ |
| | [8a] ***SRSOEs: L-Intrapriżi Statali Rivali Sistemiċi huma kumpaniji appoġġjati u sussidjati minn gvernijiet rivali sistemiċi b'mod li r-regoli tas-suq uniku tal-UE jipprojbixxu l-entitajiet tal-UE. Tgħarrif tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ewropew (europa.eu)*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi ***finanzjarji kif ukoll operazzjonali*** tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; |

Or. en

**Emenda 59**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom ***fil-portijiet*** u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom ***fl-operazzjonijiet tal-portijiet, tal-kumpaniji u tat-terminals*** u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; |

Or. en

**Emenda 60**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom ***fil-portijiet*** u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom ***fl-operazzjonijiet, fil-kumpaniji, fit-terminals*** u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; |

Or. en

**Emenda 61**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu b'mod strateġiku l-interessi tagħhom fil-portijiet***, fit-terminals, fil-kumpaniji*** u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; |

Or. en

**Emenda 62**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu ***b'mod strateġiku*** l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; | D. billi l-entitajiet mhux tal-UE żiedu l-interessi tagħhom fil-portijiet u l-infrastruttura tal-portijiet Ewropej; |

Or. pt

**Emenda 63**
**Mario Furore**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da.	billi ċ-Ċina fil-preżent investiet fl-infrastrutturi Ewropej ewlenin u bħalissa hija preżenti f'għaxar Stati Membri tal-UE, fejn tikkontrolla ċentri importanti tal-kummerċ marittimu;*** |

Or. it

**Emenda 64**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E.	billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna għal darb' oħra wriet ***ir-riskji inaċċettabbli tad-dipendenza fuq pajjiżi uniċi mhux*** tal-UE ***f'setturi strateġiċi***; | E.	billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna għal darb' oħra wriet ***ir-rwol strateġiku tal-portijiet*** tal-UE ***mil-aspett infrastrutturali, militari u strateġiku***; |

Or. en

**Emenda 65**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea.	billi l-portijiet huma ambjent tassew kumpless b'bosta partijiet ikkonċernati differenti u bosta interessi differenti, u dan jagħmel l-għarfien u l-valutazzjoni tar-riskji ta' influwenza barranija eżerċizzju diffiċli iżda kruċjali;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Indirizzar tat-Tniġġis tal-Arja u t-Tnaqqis tal-Emissjonijiet*** |
| | ***1. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa xenarji differenti għat-tnaqqis futur meħtieġ tal-użu tal-fjuwils fossili, li bħalissa jammonta għal 40 % tal-merkanzija ttrasportata bil-vapuri fil-portijiet, l-għan li l-produzzjoni tal-merkanzija essenzjali tintbagħat fil-pajjiż oriġinali u l-miri għat-tnaqqis tal-iskart, li kollha jnaqqsu l-volumi ta' trasport marittimu;*** |
| | ***2. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa xenarji differenti għaż-żieda fil-livell tal-baħar u l-intensifikazzjoni ta' avvenimenti tat-temp severi u l-effetti immedjati tagħhom fuq iż-żoni kostali u l-portijiet ħalli l-portijiet ikunu jistgħu jieħdu miżuri adegwati biex iħejju ruħhom;*** |
| | ***3. Jissottolinja l-importanza tat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja mill-vapuri f'żoni portwarji; jitlob lill-Kummissjoni tqabbad lill-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet għall-monitoraġġ u għall-prevenzjoni tat-tniġġis fil-portijiet; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa standards aktar stretti għall-SOx, għall-NOx operazzjonali u għall-materja partikolata (PM2,5, PM10), bl-għan li sal-2035, fl-UE jiġu stabbiliti żoni portwarji bi tniġġis żero;*** |
| | ***4. Jagħti struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tuża r-reviżjoni tal-AFIR ħalli tintroduċi mandat fuq l-Istati Membri biex jiżviluppaw infrastruttura tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet kollha tal-UE, permezz ta' approċċ f'livelli differenti għal portijiet mhux tat-TEN-T skont id-daqs tagħhom; dan il-mandat għandu japplika għat-tipi kollha ta' vapuri 'l fuq minn 400 GT fl-irmiġġ jew fl-ankraġġ;*** |

***5. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-e-fjuwils sostenibbli/RFNBOs u l-infrastruttura tagħhom fil-portijiet għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu; jitlob lill-Kummissjoni tħassar il-mandat tal-infrastruttura tal-LNG fir-reviżjoni tal-AFIR, u tiffoka l-isforzi u l-finanzjament fuq l-użu ta' fjuwils rinnovabbli;***
***6. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-modernizzazzjoni tal-portijiet u biex l-Istati Membri jiżguraw li l-portijiet tal-UE jkollhom infrastruttura adegwata stabbilita li tippermetti li emissjonijiet żero fl-irmiġġ u fl-irmonk;***
***7. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-eliminazzjoni gradwali ta' użu ta' żejt kombustibbli u r-riforniment fl-ilmijiet u fil-portijiet Ewropej u tħeġġeġ il-varar ta' infrastruttura legali għat-tneħħija tal-gass fil-portijiet;***
***8. Ifakkar li l-emissjonijiet tal-metan għandhom impatt sinifikanti fuq it-tibdil fil-klima bil-metan li huwa 82 darba aktar b'saħħtu mis-CO2 f'perjodu ta' żmien ta' 20 sena; jesprimi, għalhekk, tħassib dwar l-użu akbar tal-LNG fit-trasport marittimu speċjalment fir-rigward tal-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fossili;***
***9. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza speċifikament l-industrija tal-kruċieri peress li tarmi erba' darbiet aktar materja partikolata ta' SOx ikkawżata mill-kubrit mill-karozzi kollha fit-triq fl-Ewropa;***

Or. en

**Emenda 67**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***Il-Portijiet u t-Tibdil fil-Klima***
***1. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa gwida dwar kif jintużaw it-tariffi u l-prezzijiet differenzjati tal-portijiet sabiex tħeġġeġ teknoloġiji tat-trasport marittimu aktar favorevoli għall-klima kif ukoll tħeġġeġ lill-portijiet jimplimentaw miżuri li jappoġġjaw trasport marittimu b'emissjonijiet żero u kollaborazzjoni bejn il-portijiet biex jiġu introdotti kurituri tat-trasport marittimu b'emissjonijiet żero;***
***2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti tal-inqas ir-raba' studju tal-IMO dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri li wera biċ-ċar il-limitu ta' emissjonijiet ta' karbonju iswed (BC), sustanza inkwinanti ta' ħajja qasira b'saħħitha, mis-settur;***
***3. Jistieden lill-Istati Membri u lill-portijiet jikkooperaw bl-għan li jnaqqsu l-impatt ambjentali bħall-espansjoni u l-approfondiment tax-xmajjar;***
***4. Ifakkar li l-konnessjonijiet interni huma parti mit-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika u li għandhom jiġu indirizzati bi pjanijiet ta' trasformazzjoni li jaqilbu minn trasport minn trakkijiet li jaħdmu bid-diżil għal ferroviji, trakkijiet elettroniċi u bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jirrispettaw il-klima (eż. vapuri adattati għax-xmajjar għal navigazzjoni interna sostenibbli, RASSIN);***

*(Ġustifikazzjoni: Kemm fil-Memorandum ta' Ftehim (MtQ) ta' Pariġi kif ukoll fid-Direttiva dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port, il-portijiet għandhom il-kapaċità li jirregolaw il-vapuri kollha li jidħlu fil-portijiet tal-UE billi jirrikjedu l-konformità ma' ċerti rekwiżiti bħala kundizzjoni ta' dħul. Għalhekk, ir-rwol tal-portijiet fl-infurzar tal-isforzi biex jitnaqqas l-impatt tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu għandu jiġi indirizzat fl-istrateġija tal-UE għall-portijiet.*

Or. en

**Emenda 68**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Sottotitolu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Influwenza barranija*** | ***Għal settur portwarju għas-servizz tas-sovranità ta' Stat Membru*** |

Or. pt

**Emenda 69**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati mill-preżenza ekonomika ta' entitajiet minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[9] ; | 1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati mill-preżenza ekonomika ta' entitajiet***, inkluż il-bastimenti,*** minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[9] ; |
| [9] Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2 (bin-Netherlandiż): https://open.overheid.nl/documenten/ronl-f76b037c88b27bbede038d38647642b408245240/pdf. | [9] Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2 (bin-Netherlandiż): https://open.overheid.nl/documenten/ronl-f76b037c88b27bbede038d38647642b408245240/pdf. |

Or. en

**Emenda 70**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati ***mill-preżenza ekonomika*** ta' entitajiet minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[9] ; | 1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati ***mill-involviment finanzjarju u operazzjonali*** ta' entitajiet minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[9] ; |
| [9] Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2 (bin-Netherlandiż): https://open.overheid.nl/documenten/ronl-f76b037c88b27bbede038d38647642b408245240/pdf. | [9] Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2 (bin-Netherlandiż): https://open.overheid.nl/documenten/ronl-f76b037c88b27bbede038d38647642b408245240/pdf. |

Or. en

**Emenda 71**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati mill-preżenza ekonomika ta' entitajiet minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[9] ; | 1. Jevidenzja t-twissijiet ripetuti mill-aġenziji tal-intelligence kontra r-riskji ta' dipendenza ekonomika, spjunaġġ u sabotaġġ ikkawżati mill-preżenza ekonomika ta' entitajiet***, inkluż il-bastimenti,*** minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet[9] ; |
| [9] Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2 (bin-Netherlandiż): https://open.overheid.nl/documenten/ronl-f76b037c88b27bbede038d38647642b408245240/pdf. | [9] Dreigingsbeeld Statelijke Actoren 2 (bin-Netherlandiż): https://open.overheid.nl/documenten/ronl-f76b037c88b27bbede038d38647642b408245240/pdf. |

Or. en

**Emenda 72**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Iqis li l-konċessjonijiet portwarji u/jew il-kuntratti ta' lokazzjoni, li bihom il-korp maniġerjali tal-portijiet jistabbilixxi l-bosta kundizzjonijiet (operazzjonali, soċjali, ambjentali, eċċ.) li skonthom għandu jitħaddem terminal, huma għodda essenzjali u importanti għall-korpi maniġerjali tal-portijiet biex jissalvagwardjaw il-kontroll tal-korp maniġerjali tal-portijiet u jintervjenu f'każijiet ta' ksur ta' kuntratti;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Iqis li l-konċessjonijiet portwarji u/jew il-kuntratti ta' lokazzjoni, li bihom il-korp maniġerjali tal-portijiet jistabbilixxi l-bosta kundizzjonijiet (operazzjonali, soċjali, ambjentali, eċċ.) li skonthom għandu jitħaddem terminal, huma għodda essenzjali u importanti għall-korpi maniġerjali tal-portijiet biex jissalvagwardjaw il-kontroll tal-korp maniġerjali tal-portijiet u jintervjenu f'każijiet ta' ksur ta' kuntratti;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar li s-settur marittimu u s-settur portwarju huma kkaratterizzati minn strutturi ta' governanza differenti, u għandhom mezzi differenti biex jippermettu investimenti, li jvarjaw minn skemi ta' liċenzjar u konċessjoni, fuq l-għoti ta' sjieda ta' infrastruttura tal-portijiet, sa setgħa kompletament operazzjonali fuq l-awtoritajiet tal-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Iqis li l-konċessjonijiet portwarji u l-kuntratti ta' lokazzjoni, li bihom il-korp maniġerjali tal-portijiet jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom għandu jitħaddem terminal (eż. fuq bażijiet operazzjonali, soċjali, ambjentali jew ta' sigurtà) huma għodda importanti għall-korpi maniġerjali tal-portijiet biex jissalvagwardjaw il-kontroll u jintervjenu f'każijiet ta' ksur ta' kuntratt;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Iwissi kontra ż-żieda tal-preżenza Ċiniża fl-infrastruttura tal-portijiet (l-aktar it-terminals), kemm fil-portijiet tal-baħar kif ukoll fil-portijiet interni, kif ukoll fl-operazzjonijiet interni;*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Iwissi li fl-isfond tal-politika ta' fużjoni militari-ċivili Ċiniża, l-użu potenzjali ta' bastimenti Ċiniżi u infrastruttura tal-portijiet bi sjieda (parzjali) għal finijiet għajr dawk ekonomiċi jistgħu jwasslu għal riskji relatati mad-dipendenza ekonomika, l-appoġġ loġistiku għall-flotta navali Ċiniża jew spjunaġġ;*** |

Or. en

**Emenda 78**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden ***lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-*** | 2. Jistieden ***lill-Istati Membri jreġġgħu lura l-liberalizzazzjoni u l-privatizzazzjoni tas-settur portwarju*** |

| | |
|---|---|
| ***influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi*** u l-operazzjonijiet ***interni tagħhom***; | ***sabiex jiggarantixxu s-sovranità tagħhom fuq il-portijiet u l-proċessi*** u l-operazzjonijiet ***kollha relatati***; |

Or. pt

**Emenda 79**
**Dominique Riquet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l-operazzjonijiet interni tagħhom; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l-operazzjonijiet interni tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw b'mod partikolari l-involviment ta' pajjiżi terzi fil-portijiet ta' pajjiżi ġirien li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Politika tat-Tkabbir;*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta ***qafas*** ta' politika ***strateġika tal-UE*** biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l-operazzjonijiet interni tagħhom; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ***il-qafas*** ta' politika ***kurrenti li japplika għall-infrastrutturi kritiċi huwiex xieraq għall-iskop tiegħu*** biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l- |

operazzjonijiet interni tagħhom ***u jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-Regolament tagħha dwar l-iskrinjar tal-FDI u tħeġġeġ lill-Istati Membri li ma adottawx il-mekkaniżmi ta' skrinjar nazzjonali biex jagħmlu dan***;

Or. en

**Emenda 81**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l-operazzjonijiet interni tagħhom; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas ta' politika strateġika tal-UE biex tnaqqas u tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE fil-portijiet tal-UE u fil-proċessi u l-operazzjonijiet interni tagħhom***, filwaqt li b'mod speċjali tevita kwalunkwe parteċipazzjoni jew kontroll effettiv - kemm b'mod dirett kif ukoll indirett - fil-ġestjoni ta' awtorità tal-port kif ukoll f'kull entità pubblika konnessa, bħal kumpaniji interni***; |

Or. en

**Emenda 82**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|---|---|
| kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet; | minn pajjiżi mhux tal-UE fl-infrastruttura kritika u s-setturi strateġiċi tagħna, bħall-portijiet; |

Or. en

**Emenda 145**
**Dominique Riquet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jisħaq li t-territorji ekstra-Ewropej u r-reġjuni ultraperiferiċi, u l-portijiet li jinsabu fihom, huma ta' importanza kbira għas-sovranità Ewropea, għall-awtonomija strateġika Ewropea u għall-kummerċ marittimu Ewropew u internazzjonali minħabba l-lokalità strateġika tagħhom u r-rwol kruċjali tal-iskambji marittimi għalihom; jitlob li l-investimenti pubbliċi u privati sinifikanti fil-portijiet li jinsabu fit-territorji ekstra-Ewropej u fir-reġjuni ultraperiferiċi jsiru raggruppamenti strateġiċi għat-trasport multimodali, il-ġenerazzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-enerġija kif ukoll id-difiża meta jkun meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni biex fil-proposta tagħha tinkludi dispożizzjonijiet biex tillimita l-influwenza u l-kontroll operazzjonali minn pajjiżi mhux tal-UE f'dawk il-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 146**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Iqis li l-loġistika hija operazzjoni ferm diġitali u kumplessa f'ħin opportun u jitlob għalhekk li jiġi llimitat u mmonitorjat l-aċċess ta' entitajiet tal-istat barranin għal operazzjonijiet u informazzjoni dwar il-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10b. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu reġim ta' skrinjar xieraq fuq sjieda barranija abbażi tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-inklużjoni ta' valutazzjoni tar-riskju għall-impatt usa' fuq l-UE li għandha s-sjieda barranija; jitlob li dan isir b'mod urġenti peress li żieda fl-interessi minn entitajiet barranin issir l-aktar fi Stati Membri mingħajr tali politika jew b'waħda insuffiċjenti;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10c. Jisħaq li l-għan ta' dan ir-rapport mhuwiex li jwarrab l-investimenti barranin bħala tali, iżda li jillimita l-effetti sekondarji dannużi li jistgħu jġibu magħhom l-investimenti barranin, bl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***entitajiet barranin tal-istat jkunu s-suspettati tas-soltu;*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet b'funzjoni militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; | 11. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ ***minn bastimenti barranin u*** fil-portijiet b'funzjoni militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; |

Or. en

**Emenda 150**
**Benoît Lutgen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet ***b'funzjoni*** militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; | 11. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet ***b'użu doppju jew funzjoni*** militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; |

Or. en

**Emenda 151**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti, Elsi Katainen, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet b'funzjoni militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; | 11. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod speċifiku l-ħtieġa li ***jiġu pprevenuti u*** jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet b'funzjoni militari, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO; |

Or. en

**Emenda 152**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jistieden ***lill-Kummissjoni tindirizza*** b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet b'funzjoni militari***, bħall-portijiet li jintużaw min-NATO***; | 11. Jistieden ***lill-Istati Membri jindirizzaw*** b'mod speċifiku l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji ta' spjunaġġ u sabotaġġ fil-portijiet b'funzjoni militari; |

Or. pt

**Emenda 153**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jidentifikaw flotot strateġiċi għad-difiża u s-sigurtà, il-kummerċ, l-enerġija u l-provvista tal-ikel tal-Ewropa u l-Ekonomija Blu;*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Iwissi li d-diġitalizzazzjoni aċċellerata ġġib magħha riskju akbar ta' attakki ċibernetiċi, b'effetti kumulattivi għas-soċjetà; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel aktar riċerka u tiġbor data dwar il-kopertura u r-riskji tal-involviment ta' kumpaniji mhux tal-UE fis-sigurtà ċibernetika u tad-data fl-infrastruttura kritika;*** |

Or. en

**Emenda 155**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-użu ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; ***jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners;*** | 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jindirizzaw*** l-użu ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; |

Or. pt

**Emenda 156**

**Bergur Løkke Rasmussen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza l-użu*** ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, ***inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners***; | 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***toqgħod attenta għall-użu*** ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet***; iħeġġeġ, għalhekk, investimenti fir-riċerka u fl-iżvilupp f'dawk l-oqsma, sabiex il-kumpaniji tal-UE jkunu minn tal-ewwel fil-produzzjoni u fil-bejgħ ta' dawn it-teknoloġiji***; |

Or. en

**Emenda 157**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza l-użu*** ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners; | 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***toqgħod attenta għall-użu*** ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners; |

Or. en

**Emenda 158**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza l-użu*** ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners; | 12. Jistieden lill-Kummissjoni ***toqgħod attenta għall-użu*** ta' teknoloġija affidabbli fil-loġistika marittima u fil-funzjonament tat-terminals tal-kontejners; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dipendenza dejjem akbar fuq produtturi mhux tal-UE għal tagħmir ta' sigurtà (fil-fruntieri) fil-portijiet, inklużi l-krejnijiet ship-to-shore li jistgħu jiġbru data dwar l-oriġini u d-destinazzjoni tal-kontejners; |

Or. en

**Emenda 159**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja r-reżiljenza ċibernetika, billi tħeġġeġ lill-portijiet iżidu l-kapaċità ta' monitoraġġ tagħhom u tappoġġja l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kontinġenza komprensivi; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tappoġġja dan l-iżvilupp billi tikkondividi linji gwida, tipprovdi taħriġ u mezzi finanzjarji adegwati, kif ukoll tipprovdi aċċess għad-data u għall-intelligence;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza li livell għoli ta' ċibersigurtà tal-atturi kollha fil-portijiet tagħna huwa kruċjali biex jiġu evitati l-ispjunaġġ u t-tfixkil serju tas-sistemi u l-operazzjonijiet portwarji; | 13. Jenfasizza li livell għoli ta' ċibersigurtà tal-atturi kollha fil-portijiet tagħna huwa kruċjali biex jiġu evitati l-ispjunaġġ u t-tfixkil serju tas-sistemi u l-operazzjonijiet portwarji; ***iqis li r-riskju ta' effetti kollaterali negattivi minn nuqqas ta' ċibersigurtà minn port għal ieħor huwa kbir u li għalhekk għandhom jinżammu standards għoljin mill-Istati Membri kollha u li għandha tiġi rakkomandata l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u esperjenzi;*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Bergur Løkke Rasmussen, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza li livell għoli ta' ċibersigurtà ***tal-atturi kollha*** fil-portijiet tagħna ***huwa kruċjali*** biex jiġu evitati l-ispjunaġġ u t-tfixkil serju tas-sistemi u l-operazzjonijiet portwarji; | 13. Jenfasizza li ***għandu jiġi żgurat*** livell għoli ta' ċibersigurtà fil-portijiet tagħna biex jiġu evitati l-ispjunaġġ u t-tfixkil serju tas-sistemi u l-operazzjonijiet portwarji; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jitolbu u jindirizzaw is-sejħiet rispettivi għal kooperazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima biex jingħata appoġġ tekniku u operazzjonali dwar kwistjonijiet ta' ċibersigurtà;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Iqis li t-theddid ċibernetiku u t-tfixkil fin-nisġa ekonomika tagħna ħafna drabi jkun faċli wisq u li l-esponiment tan-nuqqasijiet fiċ-ċibersigurtà tal-portijiet u l-indirizzar tagħhom huwa tal-akbar importanza; jirrimarka li r-riskju ta' theddid ċibernetiku żdied b'mod konsiderevoli fl-aħħar ftit snin u li dan ma għandux jitqies bħala kwistjoni sekondarja biss;*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki dwar l-innovazzjoni diġitali u ċ-ċibersigurtà fost il-portijiet u l-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13b. Jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni bejn il-portijiet, u mal-istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali,*** |

| | |
|---|---|
| | ***reġjonali u internazzjonali biex tinkiseb informazzjoni dwar mezzi tat-theddid jew indikaturi tal-intelligence, billi jiġi żgurat appoġġ aktar koordinat lejn l-analiżi tat-theddid sabiex il-portijiet ikunu jistgħu jottimizzaw ir-reżiljenza u l-ippjanar ta' kontinġenza tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE u għandu jiġi ***evitat***; | 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali ***li jiġbru data sensittiva ekonomika*** fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE u għandu jiġi ***mmonitorjat***; |

Or. en

**Emenda 166**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE u għandu jiġi evitat; | 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet ***jista'*** joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE u ***f'tali każ*** |

għandu jiġi evitat;

Or. en

**Emenda 167**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE ***u*** għandu jiġi evitat; | 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet ***jista'*** joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE***, li*** għandu jiġi evitat; |

Or. en

**Emenda 168**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE ***u*** għandu jiġi evitat; | 14. Jissottolinja li filwaqt li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet ***jista'*** joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE***, li*** għandu jiġi evitat; |

Or. en

**Emenda 169**

**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Jissottolinja li ***filwaqt li*** l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, l-użu ta' pjattaformi mhux tal-UE b'kontroll statali fil-portijiet joħloq riskji ekonomiċi u strateġiċi għall-UE u għandu jiġi evitat; | 14. Jissottolinja li l-kondiviżjoni tad-data fil-loġistika tikkontribwixxi għall-effiċjenza, l-aġilità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista; ***jisħaq li tali data għandha tiġi mmaniġġjata u tinżamm strettament mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti***; |

Or. pt

**Emenda 170**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jisħaq li għalkemm żieda fid-diġitalizzazzjoni tikkontribwixxi ħafna għal ambjent ta' ħidma effiċjenti, il-kompettività u s-sostenibbiltà tal-portijiet, dan iżid ukoll ir-riskju ta' theddida ċibernetika; iqis li aktar ma sistema tibbaża fuq l-għodod diġitali, aktar issir vulnerabbli għat-theddid ċibernetiku; jemmen li peress li l-benefiċċji ta' diġitalizzazzjoni ulterjuri jisbqu dawn ir-riskji, l-unika soluzzjoni hija li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-portijiet Ewropej għat-theddid ċibernetiku;*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jissottolinja li ***l-portijiet tal-UE huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi*** illeċiti ***u*** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali;

*Emenda*

15. Jissottolinja li ***d-drogi*** illeċiti ***qed jinfiltraw dejjem aktar is-soċjetà tal-Ewropa***; ***jirrikonoxxi li l-portijiet bħala punti ta' dħul għall-kummerċ xi drabi qed jintużaw ħażin mill-organizzazzjonijiet kriminali għat-traffikar ta' prodotti illeċiti, b'mod partikolari id-drogi, li jista' jimmina s-sigurtà tal-port, il-ktajjen tal-provvista u n-nies li jaħdmu hemm;*** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva ***bejn l-awtoritajiet u l-atturi rilevanti kollha*** fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali;

Or. en

**Emenda 172**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jissottolinja li l-portijiet ***tal-UE*** huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi illeċiti ***u*** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali;

*Emenda*

15. ***Jirrikonoxxi li l-portijiet bħala punti ta' dħul għall-kummerċ xi drabi qed jintużaw ħażin mill-organizzazzjonijiet kriminali għat-traffikar ta' prodotti illeċiti, b'mod partikolari id-drogi, li jista' jimmina s-sigurtà tal-port, il-ktajjen tal-provvista u n-nies li jaħdmu hemm;*** jissottolinja li ***billi*** l-portijiet huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi illeċiti**,** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva ***fost l-awtoritajiet u l-atturi rilevanti kollha*** fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali;

Or. en

**Emenda 173**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jissottolinja li l-portijiet tal-UE huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi illeċiti u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; | 15. Jissottolinja li l-portijiet tal-UE huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi illeċiti u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; ***jilqa', f'dan ir-rigward, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiġġieled it-traffikar tad-drogi b'approċċ koordinat tal-UE; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu miġġielda t-tipi kollha ta' kriminalità organizzata tranżnazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Caroline Nagtegaal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. ***Jissottolinja*** li l-portijiet tal-UE ***huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi*** illeċiti ***u*** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; | 15. ***Jiddeplora l-fatt*** li l-portijiet tal-UE ***qed jintużaw ħażin mill-organizzazzjonijiet kriminali għat-traffikar ta' prodotti*** illeċiti***, b'mod partikolari d-drogi, li b'konsegwenza ta' dan jimmina s-sigurtà tal-industrija portwarja u l-ħaddiema tagħha;*** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva ***bejn l-awtoritajiet u l-atturi rilevanti kollha*** fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; |

Or. en

**Emenda 175**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jissottolinja li ***l-portijiet tal-UE huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi*** illeċiti ***u*** jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; | 15. Jissottolinja li ***d-drogi*** illeċiti ***qed jiġu introdotti dejjem aktar fl-Istati Membri mill-portijiet, u dan għandu effett fuq is-soċjetà kollha kemm hi u jimmina s-sikurezza tal-portijiet, il-bliet tal-madwar u ċ-ċittadini tagħhom;*** Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; |

Or. en

**Emenda 176**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jissottolinja li l-portijiet tal-UE ***huma punti ta' dħul ewlenin għad-drogi illeċiti*** u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; | 15. Jissottolinja li l-portijiet tal-UE ***xi drabi jintużaw ħażin mill-organizzazzjonijiet kriminali għat-traffikar ta' prodotti illegali bħal drogi*** u jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta miżuri għal kooperazzjoni Ewropea effettiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, l-estrazzjoni u s-sovverżjoni kriminali; |

Or. en

**Emenda 177**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jisħaq li kull port Ewropew huwa soġġett għal politiki nazzjonali u reġjonali differenti, kif ukoll differenza fil-karatteristiċi ġeografiċi; iqis għalhekk li approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" għandu jiġi evitat u li għandha tingħata attenzjoni lill-karatteristiċi uniċi tal-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 178**
**Dominique Riquet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jissottolinja li s-sigurtà tal-portijiet tiddependi mir-reżiljenza tagħhom għat-tibdil fil-klima u fl-ambjent; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tar-riskju ambjentali fit-tul għall-infrastruttura tal-portijiet kritika u jipprovdu l-miżuri ta' adattament f'waqthom;*** |

Or. en

**Emenda 179**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***15a. Jenfasizza, fuq livell aktar ġenerali, l-importanza li qed tikber tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fuq il-baħar u taħt l-ilma (inklużi l-pipelines tal-enerġija, in-networks tal-komunikazzjoni u l-faċilitajiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta) għas-sikurezza u għas-sigurtà tal-ilmijiet u tal-operazzjonijiet tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Massimiliano Salini, Lucia Vuolo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***15a. Jenfasizza, fuq livell aktar ġenerali, l-importanza li qed tikber tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fuq il-baħar u taħt l-ilma (inklużi l-pipelines tal-enerġija, in-networks tal-komunikazzjoni u l-faċilitajiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta) għas-sikurezza u għas-sigurtà tal-ilmijiet u tal-operazzjonijiet tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 181**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15b (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***15b. Jisħaq li fil-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi, il-portijiet tal-UE għandhom ikunu jistgħu jaħdmu mill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***qrib mal-infurzar tal-liġi u jkollhom aċċess għall-għodod diġitali meħtieġa u ġustifikazzjoni legali suffiċjenti;*** |

Or. en

**Emenda 182**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15c. Iqis li, minħabba r-rwol li għandhom il-portijiet bħala infrastruttura kritika, il-kooperazzjoni mal-entitajiet u l-gvernijiet kollha involuti fis-salvagwardja tas-sigurtà hija ta' importanza kbira; jitlob li tiġi stabbilita Strateġija Ewropea għall-Portijiet biex tipprovdi qafas li jippermetti li l-portijiet jissodisfaw bis-sħiħ il-kompiti ta' sigurtà tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-rwol tal-portijiet fit-tranżizzjoni ***tal-enerġija*** | Ir-rwol tal-portijiet fit-tranżizzjoni ***ġusta*** |

Or. en

**Emenda 184**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; | 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ***tal-idroġenu u sorsi ta' enerġija kruċjali oħra kif ukoll*** ta' materja prima kritika***, bħala ċentri essenzjali fl-iżvilupp ta' ekosistemi ta' Industrija tal-UE b'emissjonijiet żero netti***, bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 185**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; | 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija***, kif ukoll il-ġenerazzjoni tagħha minn sorsi b'livell baxx ta' emissjonijiet u emissjonijiet żero***, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 186**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; | 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala ***ċentri tal-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju, bħala*** stazzjonijiet tas-servizz ***u ċentri tal-manifattura*** għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 187**
**Dominique Riquet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; | 16. Jisħaq fuq ir-rwol vitali li għandhom il-portijiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija bħala ċentri tal-enerġija għall-konverżjoni, il-kundizzjonament u l-ħżin tat-trasportaturi tal-enerġija, għall-importazzjoni ta' materja prima kritika, ***il-gass likwifikat, l-idroġenu u l-ammonijaka*** bħala stazzjonijiet tas-servizz għall-faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u bħala nodi fis-sistemi tat-trasport li jappoġġjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 188**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jissottolinja li l-portijiet Ewropej huma kruċjali fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa u fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-enerġija esterna tagħha; jisħaq li l-portijiet tal-Ewropa kienu u se jkunu strumentali fir-repowering tal-Ewropa fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tisħiħ tal-isforzi biex tinkiseb tranżizzjoni prammatika u konkreta għal soċjetà newtrali għall-klima fuq perjodu ta' żmien twil;*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jissottolinja li l-portijiet Ewropej huma kruċjali fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa u fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-enerġija esterna tagħha; jisħaq li l-portijiet tal-Ewropa kienu u se jkunu strumentali fir-repowering tal-Ewropa fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tisħiħ tal-isforzi biex jitħejja xenarju tal-enerġija ħieles mill-fjuwils fossili fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 190**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jisħaq li bħalissa l-UE tiddependi miċ-Ċina għat-tranżizzjoni tal-enerġija tagħha minħabba l-ammont kbir ta' materja prima kritika meħtieġa għall-infrastruttura li tikkontribwixxi għal din il-bidla; jappoġġja l-inċentiv mogħti mill-Kummissjoni fil-forma ta' Att dwar il-Materja Prima Kritika biex jinbidel l-istatus quo;*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Bergur Løkke Rasmussen, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtieġa li jitħaffef il-proċess għall-ħruġ tal-permessi tal-espansjonijiet tal-portijiet, sabiex il-portijiet ma jsirux ostaklu fit-tranżizzjoni tal-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Dominique Riquet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jisħaq l-importanza ta' żieda fis-sinerġiji bejn in-network tat-trasport*** |

| | |
|---|---|
| | ***trans-Ewropew u n-network tal-enerġija trans-Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 193**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jarmonizzaw l-iżvilupp tal-portijiet mal-pjanijiet ta' varar ta' enerġija eolika lil hinn mill-kosta;*** |

Or. en

**Emenda 194**
**Bergur Løkke Rasmussen, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jissottolinja li l-portijiet Ewropej huma kruċjali fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk leġiżlazzjoni Ewropea oħra tikkontradixxix l-objettivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-politika tal-enerġija tal-UE, u jekk tali leġiżlazzjoni għandhiex tiġi emendata sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-provvista u tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fil-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 195**

**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jissottolinja li l-portijiet għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni tal-enerġija u bħala ċentri ta' distribuzzjoni għall-enerġiji rinnovabbli bħall-idroġenu, u li dan sempliċement se jiżdied minħabba l-importanza tal-awtosuffiċjenza tal-enerġija tal-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ġestjoni aktar sostenibbli tal-ispazju marittimu u tal-kosti biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;*** |

Or. en

**Emenda 197**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Iħeġġeġ l-użu ta' żoni tal-port għall-varar tal-enerġija fotovoltajka u eolika;*** |

Or. en

**Emenda 198**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 199**
**Mario Furore**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; ***jappella għal sforz akbar biex tiġi appoġġata l-elettrifikazzjoni tal-portijiet bħala appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija;*** |

Or. it

**Emenda 200**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom***, li huma ta' valur soċjetali kbir iżda spiss ma jkollhomx ir-redditu meħtieġ fuq l-investiment għall-port li jsir investiment fih,*** sabiex ikunu jistgħu ***jkomplu*** jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 201**
**Dominique Riquet**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza l-ħtieġa*** dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtieġa*** dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija***, b'mod partikolari f'territorji ekstra-Ewropej u fir-reġjuni ultraperiferiċi***; |

Or. en

**Emenda 202**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza l-ħtieġa*** dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol | 17. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtieġa*** dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu |

| | |
|---|---|
| tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. pt

**Emenda 203**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza l-ħtieġa*** dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jindirizzaw il-ħtieġa*** dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 204**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; | 17. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' investimenti fil-portijiet ***u fit-terminals*** u l-infrastruttura tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija; |

Or. en

**Emenda 205**
**Caroline Nagtegaal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jisħaq li l-portijiet tal-UE huma vitali biex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa u jikkontribwixxu għall-għan tal-UE li ssir aktar strateġikament indipendenti; jisħaq, f'dan ir-rigward, li l-portijiet għandhom rwol ċentrali fit-tranżizzjoni tal-enerġija billi jiffaċilitaw il-produzzjoni, l-importazzjoni u l-provvista tal-enerġija sostenibbli; jirrikonoxxi, barra minn hekk, l-importanza attwali tat-teknoloġiji tranżitorji bħala alternattivi għaż-żejt kombustibbli u l-gass naturali, bħal-LNG u l-infrastruttura tal-LNG għal tranżizzjoni gradwali lejn alternattivi b'emissjonijiet żero fil-portijiet u s-settur marittimu, b'mod parallel mas-sejbien u mal-finanzjament ta' alternattivi fit-tul b'emissjonijiet żero;*** |

Or. en

**Emenda 206**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jissottolinja r-rwol tal-portijiet bħala raggruppament tal-enerġija għall-ekonomija blu, inkluż il-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, u r-rwol tagħhom fit-tranżizzjoni tal-enerġija u jitlob li jsiru investimenti pubbliċi u privati fil-faċilitajiet mix-xatt għall-vapur u li tiżdied il-kapaċità tas-settur tat-trasport marittimu biex tissodisfa d-domanda li qed tiżdied tal-vapuri tal-kontejners kif ukoll fl-iżvilupp ta' ħżin tal-elettriku fuq skala kbira u t-trasport tal-idroġenu ekoloġiku;*** |

Or. en

**Emenda 207**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Itenni l-importanza tal-miri tan-newtralità klimatika kif stabbilit fl-istrateġija l-ġdida tat-tkabbir (tal-Patt Ekoloġiku) tal-UE, inkluż għas-settur marittimu u tal-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17b. Jenfasizza r-rwol kruċjali li jista' jkollhom il-portijiet bħala faċilitaturi tat-tranżizzjoni ekoloġika, li fiha l-politika industrijali u l-politiki dwar it-tibdil fil-klima jimxu id f'id; jitlob lill-Kummissjoni żżid is-sensibilizzazzjoni b'rabta mal-aħjar prattiki eżistenti u l-istudji tal-każ fil-portijiet ewlenin tal-UE u żżid il-kooperazzjoni bejn il-portijiet fl-Unjoni u bejn l-Istati Membri biex tikkondividi l-aħjar prattika ta' dan it-tip;*** |

Or. en

**Emenda 209**

**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17c. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq analiżi fil-fond (inkluż analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjetali u ambjentali) dwar livell massimu potenzjali tal-kapaċità tal-vapuri li jieqfu fil-portijiet tal-UE (armonizzata fil-portijiet kollha tal-UE), li jsib bilanċ bejn il-kompetittività tal-portijiet, ir-redditu soċjali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-portijiet, u l-vantaġġi klimatiċi;*** |

Or. en

**Emenda 210**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17d. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-portijiet fl-istrateġija tagħha għal Ekonomija Ċirkolari u tassisti lill-Istati Membri u lill-Awtoritajiet Portwarji lokali billi tipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti relatati maċ-ċirkolarità;*** |

Or. en

**Emenda 211**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17e (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
 | ***17e. Jenfasizza li l-portijiet huma hotspots tat-tniġġis tal-arja, speċjalment waqt konġestjoni massima; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdiedu l-miżuri ta' monitoraġġ u prevenzjoni għat-tniġġis tal-arja mill-vapuri; jitlob lill-Kummissjoni tieħu passi lejn żoni portwarji ħielsa mit-tniġġis;***

Or. en

**Emenda 212**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17f (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
 | ***17f. Jisħaq li l-kollaborazzjoni u l-iffurmar ta' networks kooperattivi b'saħħithom lil hinn mit-territorji tal-portijiet se jkunu ċentrali biex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi;***

Or. en

**Emenda 213**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17g (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*
---|---
 | ***17g. Jitlob lill-Kummissjoni tagħti r-riżultati fir-rigward tal-ambizzjoni tagħha ta' Bidla Modali kif imressqa fil-Patt Ekoloġiku u tindirizza l-isfidi li jifdal dwar il-passaġġi fuq l-ilma interni u, speċjalment, biex jissaħħaħ l-użu tal-merkanzija ferrovjarja fil-portijiet u l-konnettività tagħhom mal-art interna;***

Or. en

**Emenda 214**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; | 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jikkollaboraw mas-settur privat biex isibu perkorsi ġodda biex jattiraw u jżommu t-talent, itejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol u jħarrġuha mill-ġdid, inkluż permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati jew sħubijiet mal-istituzzjonijiet edukattivi u vokazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 215**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jissottolinja li ***tranżizzjoni tal-enerġija*** fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; | 18. Jissottolinja li ***t-tranżizzjoni ġusta*** fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ, edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja li jibqgħu validi fil-futur biex il-ħaddiema tal-portijiet jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, u biex l-industrija ssir aktar attraenti għan-nisa;*** |

Or. en

**Emenda 216**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; | 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati***, proċeduri għall-ħruġ tal-permessi faċli u rapidi, finanzjament pubbliku u privat adegwat, kif ukoll leġiżlazzjoni tal-UE li tirrikonoxxi u tiffaċilita b'mod adegwat ir-rwol tal-enerġija tal-portijiet, inkluż fir-Regolament TEN-T***; |

Or. en

**Emenda 217**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; | 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati***, proċeduri għall-ħruġ tal-permessi faċli u rapidi, finanzjament pubbliku u privat adegwat, kif ukoll leġiżlazzjoni tal-UE li tirrikonoxxi u tiffaċilita b'mod adegwat ir-rwol tal-enerġija tal-portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 218**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Nicola Danti, Elsi Katainen, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; | 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati***, proċeduri għall-ħruġ tal-permessi faċli u rapidi u finanzjament pubbliku u privat adegwat***; |

Or. en

**Emenda 219**
**Caroline Nagtegaal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; | 18. Jissottolinja li tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet***, fl-industrija tal-bini tal-vapuri kif ukoll fis-settur marittimu*** mhux se tkun possibbli mingħajr forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati; |

Or. en

**Emenda 220**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***18a. Jisħaq fuq ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju lil portijiet ta' pajjiżi terzi; iqis li*** |

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***l-portijiet tal-UE spiss ikollhom rwol ta' pijunier fit-tranżizzjoni tal-enerġija u jieħdu riskji meta jagħmlu investimenti kbar fit-tranżizzjoni tal-enerġija;*** |

Or. en

**Emenda 221**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Itenni r-rwol soċjetali importanti tal-portijiet biex jipprovdu bosta impjiegi diretti u indiretti u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sikuri għall-ħaddiema kollha tal-portijiet u dawk tas-settur marittimu;*** |

Or. en

**Emenda 222**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "Wasla fil-Ħin" fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika u jistieden lill-Kummissjoni tressaq miżuri biex tippromwovi l-użu tal-prinċipju;*** |

Or. en

**Emenda 223**

**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18b. Ifakkar li l-provvista tal-enerġija fuq l-art għandha rwol vitali għall-elettrifikazzjoni tal-portijiet, u tinvolvi riskji ta' investiment kbar mingħajr l-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 224**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18b. Jenfasizza li episodji ta' kriżi wrew li l-baħħara, il-membri tal-ekwipaġġ, is-sajjieda u l-ħaddiema tal-portijiet huma ħaddiema "tal-ewwel linja" essenzjali u l-benessri tagħhom huwa vitali biex id-dinja tibqa' għaddejja;*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18c. Jitlob li tiġi inkluża data dwar l-impjiegi (diretti u indiretti) fil-portijiet kollha tal-UE u li din issir aċċessibbli*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-pubbliku fil-bażi tad-data tal-Eurostat; jissottolinja l-importanza li d-data dwar l-inċidenti marittimi tiġi rreġistrata u ssir trasparenti;*** |

Or. en

**Emenda 226**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18d. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza d-dumping soċjali fis-settur marittimu, speċjalment dak relatat maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi abbord vapuri li jankraw fil-portijiet tal-UE u biex jiżdied l-għadd ta' spezzjonijiet soċjali kif ukoll biex jittejjeb il-monitoraġġ;*** |

Or. en

**Emenda 227**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18e. Itenni l-importanza tad-djalogu soċjali, li fih għandhom jieħdu sehem il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fil-katina tal-provvista marittima, biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni diġitali u t-tranżizzjoni ekoloġika ma jseħħux għad-detriment tal-ħaddiema;*** |

Or. en

**Emenda 228**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18f (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18f. Jenfasizza l-importanza ta' statuti b'saħħithom tal-ħaddiema tal-portijiet, biex jiġi żgurat li l-impjiegi jkunu sikuri u rregolati tajjeb fil-portijiet kollha tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 229**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Istati Membri jżidu r-reklutaġġ tal-ħaddiema meħtieġa għal oqsma differenti (il-pilotaġġ, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ kostali, is-superviżjoni, eċċ.) u biex jerġgħu jibnu l-kunċett ta' "ġabra ta' ħaddiema tat-tarza reġistrati", bħala kisba storika għall-ħaddiema tat-tarzna u pass importanti, fost l-oħrajn, biex tintemm l-instabbiltà fis-settur;*** |

Or. pt

**Emenda 230**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni | 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni |

| | |
|---|---|
| ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà; | ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà ***kif ukoll għas-sovranità tal-katina tal-provvista tal-Ewropa***; ***iqis li l-leġiżlazzjoni Ewropea li tissogra li timmina l-kompetittività tal-portijiet tal-UE u toħloq rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju għall-portijiet barra l-UE għalhekk għandha tiġi evitata;*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Caroline Nagtegaal**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà; | 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà; ***jisħaq li sabiex tinżamm il-pożizzjoni b'saħħitha tal-portijiet tal-UE fid-dinja, l-effetti possibbli tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal portijiet barra mill-UE b'riżultat tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu evitati, u jekk jiġu kkonfermati, għandhom jiġu indirizzati;*** |

Or. en

**Emenda 232**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet ***tal-UE*** u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà; | 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali***, flimkien ma' strateġija ta' rkupru tal-kapaċità produttiva,*** huma kruċjali ***għas-sovranità, l-iżvilupp u l-koeżjoni tal-Istati Membri***; |

Or. pt

**Emenda 233**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà; | 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà***, kif ukoll għas-sovranità tal-katina tal-provvista tal-Ewropa***; |

Or. en

**Emenda 234**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà; | 19. Jisħaq li t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tal-portijiet tal-UE u t-titjib tal-kompetittività tagħhom f'ekonomija globali huma kruċjali biex jiġu limitati l-influwenza barranija u r-riskji għas-sigurtà ***kif ukoll biex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista stabbli***; |

Or. en

**Emenda 235**
**Massimiliano Salini, Lucia Vuolo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa b'mod urġenti u tipprevjeni r-riskji tad-delokalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' trażbord tal-kontejners f'portijiet mhux tal-UE, fid-dawl tal-inklużjoni tat-trasport marittimu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE[1a]; jemmen li tali Direttiva għandha tiġi rieżaminata bl-għan li jiġi restawrat it-trattament ugwali effettiv bejn il-portijiet tal-UE u dawk mhux tal-UE, inkluż il-waqfiet f'portijiet tat-trażbord waqt vjaġġi bejn il-kontinenti f'baħar fond; jemmen li jekk isir dan, se jkun possibbli li tiġi ppreżervata l-kompetittività tal-portijiet tal-UE, jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi, jiġu protetti l-investimenti u jinżammu l-volumi tat-traffiku, filwaqt li tiġi pprevenuta wkoll ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju kkawżata minn rotot b'bastimenti itwal biex jiġu evitati waqfiet f'portijiet tal-UE;*** |
| | ***[1a] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE.*** |

Or. en

**Emenda 236**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova, Carlo Fidanza**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Iqis li partijiet tal-leġiżlazzjoni Ewropea li jissugraw li jimminaw il-kompetittività tal-portijiet tal-UE u joħolqu r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tan-negozju għall-portijiet barra mill-Unjoni għalhekk għandhom jiġu evitati jew, jekk diġà jkunu daħlu fis-seħħ, għandhom jiġu emendati; jistieden lill-Kummissjoni taċċellera r-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE[1a] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex dawk il-portijiet tat-trażbord tal-UE, li huma soġġetti għal kompetizzjoni minn dawk mhux tal-UE, jingiebu f'vantaġġ kompetittiv magħhom billi l-vapuri li jieqfu f'portijiet tat-trażbord tal-UE jiġu soġġetti għall-istess rekwiżiti fir-rigward tal-ambitu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra koperti mid-Direttiva kif ukoll dawk li huma stabbiliti għall-portijiet tat-trażbord mhux tal-UE;*** |
| | ***[1a] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE.*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jissottolinja l-importanza ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***ambjent marittimu u tal-loġistiku b'saħħtu, kompetittiv u diversifikat għall-portijiet; jindika, madankollu, is-saħħa fis-suq li qed tiżdied ta' ammont żgħir ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari linji tat-tbaħħir, b'riżultat tal-konsolidazzjoni tas-suq u l-integrazzjoni vertikali, li tissogra li taffettwa l-bilanċ ġust tal-poter u l-kundizzjonijiet ekwi bejn l-atturi differenti fl-ekosistema tal-portijiet, b'implikazzjonijiet soċjali u ambjentali u kostijiet finanzjarji għas-soċjetà; jitlob lill-Kummissjoni ma tibqax testendi r-Regolament dwar l-Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Konsorzji;*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Valter Flego**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jenfasizza li s-sehem tal-baġit tas-CEF għandu jirrifletti aħjar ir-rwol tal-portijiet Ewropej; jinnota li l-portijiet Ewropej jistħoqqilhom aktar minn 4 % tal-baġit tas-CEF, u jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jżidu l-linja baġitarja tas-CEF biex jippermettu l-iżvilupp tal-portijiet Ewropej, isaħħu l-investimenti fit-teknoloġija diġitali ġdida u t-tranżizzjoni ekoloġika, speċjalment għal portijiet fuq skala żgħira li jinsabu fuq peniżoli, gżejjer u reġjuni remoti;*** |

Or. en

**Emenda 239**
**Nicola Danti, Izaskun Bilbao Barandica, Elsi Katainen, José Ramón Bauzá Díaz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-estensjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) fis-settur marittimu, tivvaluta mingħajr dewmien ir-riskji tat-trasferiment ta' attivitajiet ta' trażbord tal-kontejners f'portijiet mhux tal-UE, u tipproponi kwalunkwe miżura meħtieġa biex tiżgura t-trattament ugwali bejn il-portijiet tal-UE u dawk ġirien mhux tal-UE, inkluż fil-kuntest ta' vjaġġi bejn il-kontinenti f'baħar fond, bl-għan li tiġi evitata l-imġiba evażiva, tiġi pprevenuta r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta;*** |

Or. en

**Emenda 240**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Istati Membri rilevanti jippromwovu l-iżvilupp tal-industriji tat-tiswija tal-vapuri u tal-bini tal-vapuri bħala mod kif tiġi sostnuta strateġija għat-tisħiħ u l-investiment fis-sistemi portwarji;*** |

Or. pt

**Emenda 241**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi mmonitorjata l-pożizzjoni kompetittiva tal-portijiet tat-trażbord fl-UE, filwaqt li jiġu implimentati elementi tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %" bħall-ETS għat-tbaħħir;*** |

Or. en

**Emenda 242**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19b. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu effettiv u f'waqtu bejn il-portijiet u partijiet ikkonċernati oħra tal-loġistika (inkluż linji tat-tbaħħir) sabiex jiġu żgurati ktajjen tal-provvista li jiffunzjonaw tajjeb, jiġu evitati assi mhux rekuperabbli, u tiżdied it-trasparenza dwar il-ħtiġijiet reċiproċi;*** |

Or. en

**Emenda 243**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19c. Jenfasizza li l-portijiet għandhom rwol kruċjali f'Unjoni Doganali li tiffunzjona tajjeb, li huwa fundamentali għall-kompetittività, is-sigurtà, is-*** |

***sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-UE;***

Or. en

**Emenda 244**
**Valter Flego**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; ***jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta "L-Atlas ta' portijiet Ewropej żgħar" - li jindika fuq mapep it-territorji ta' bliet portwarji, il-ġeografiji lokali, l-istejjer, il-prattiki u t-tradizzjonijiet, li se jgħinuna nifhmu aħjar il-ħtiġijiet tal-portijiet Ewropej, l-isfidi li qed jiffaċċjaw u l-importanza li għandhom għall-pajjiżi, ir-reġjuni u l-komunitajiet lokali;*** |

Or. en

**Emenda 245**
**Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Jan-Christoph Oetjen, Pierre Karleskind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza ***u tindirizza*** l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi "Atlas tal-Portijiet Ewropej" billi tindika fuq mapep il-portijiet kummerċjali Ewropej, ir-rwoli u l-importanza tagħhom għal setturi differenti, u tanalizza d-disponibbiltà tal-elettriku u l-fjuwils ekoloġiċi fil-portijiet;*** |

| | |
|---|---|
| | ***iqis li tali mmappjar se jgħin biex jifforma bażi fattwali globali għall-iżvilupp kontinwu tal-portijiet tal-UE u jindirizza*** l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi u ***jibqgħu validi*** fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; |

Or. en

**Emenda 246**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli ***inklużi t-trasparenza*** u l-prevedibbiltà ***fil-valutazzjonijiet*** tal-investiment; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet ***Ewropej*** sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli ***li tkun attraenti għall-investituri barranin u tiżgura ċertezza legali għall-investituri potenzjali kif ukoll trasparenza dwar l-eżiti tal-valutazzjonijiet*** tal-investiment u l-prevedibbiltà ***tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 247**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar | 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet ***Ewropej*** sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' |

| | |
|---|---|
| stabbli ***inklużi t-trasparenza*** u l-prevedibbiltà ***fil-valutazzjonijiet*** tal-investiment; | investiment aktar stabbli ***li tkun attraenti għall-investituri barranin u tiżgura ċertezza legali għall-investituri potenzjali u li tinkludi trasparenza dwar l-eżiti tal-valutazzjonijiet*** tal-investiment u l-prevedibbiltà ***tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 248**
**Mario Furore**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet***, b'mod partikolari fir-rigward tal-elettrifikazzjoni,*** sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; |

Or. it

**Emenda 249**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ***ikunu*** kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ***jibqgħu*** kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment***, kemm pubbliku kif ukoll privat***; |

Or. en

**Emenda 250**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri janalizzaw*** u ***jindirizzaw il-ħtiġijiet*** ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment; |

Or. pt

**Emenda 251**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu kompetittivi ***fil-futur u taħdem lejn klima ta' investiment aktar stabbli inklużi t-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjonijiet tal-investiment***; | 20. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment tal-portijiet sabiex ikunu ***f'konformità mal-miri klimatiċi tal-UE u biex jiġu evitati investimenti f'infrastruttura ta' daqs eċċessiv għad-detriment tal-kontribwenti sabiex jibqgħu kompetittivi fuq skala globali***; |

Or. en

**Emenda 252**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 20a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Huwa konxju tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) u r-riskju ta' trasferiment ta' attivitajiet ta' trażbord għal portijiet barra mill-UE, speċifikament minn portijiet Ewro-Mediterranji għall-Afrika ta' Fuq; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li tali trasferiment iwassal ukoll għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju saħansitra akbar fil-Mediterran peress li l-portijiet tal-Afrika ta' Fuq li jikkompetu sempliċement ma jikkonformawx mal-istess standards; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tevalwa u tivvaluta b'mod urġenti l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi li dan it-trasferiment ikollu għas-suq tax-xogħol u n-negozji u l-manifatturi li jiddependu minn dawn il-portijiet u tipproponi miżuri biex tindirizza din is-sitwazzjoni b'mod effettiv;*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom f'sistema vasta ta' loġistika marittima u ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; | 21. Ifakkar ***li fl-aħħar 20 sena l-Ewropa rat żieda fil-flussi kummerċjali minn pajjiżi mhux Ewropej; u*** li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom f'sistema vasta ta' loġistika marittima u ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; |

Or. en

**Emenda 254**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom ***f'sistema*** vasta ta' loġistika marittima ***u*** ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; | 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom ***f'ekosistema*** vasta ta' loġistika marittima***,*** ktajjen tal-provvista ***u industrija*** xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; |

Or. en

**Emenda 255**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom ***f'sistema vasta*** ta' loġistika marittima u ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; | 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom ***fl-ekosistema tat-trasport fuq l-ilma*** ta' loġistika marittima u ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; |

Or. en

**Emenda 256**
**Massimiliano Salini, Lucia Vuolo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom | 21. Ifakkar li l-portijiet mhumiex assi awtonomi peress li għandhom posthom |

| | |
|---|---|
| f'sistema vasta ta' loġistika marittima ***u*** ktajjen tal-provvista xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; | f'sistema vasta ta' loġistika marittima***,*** ktajjen tal-provvista ***u industrija*** xprunati mid-domanda tal-importaturi u l-esportaturi Ewropej; |

Or. en

**Emenda 257**
**Pablo Arias Echeverría**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jenfasizza l-kontribut tal-portijiet Ewropej għall-kompetittività tal-industrija u għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni Ewropea, peress li huma l-infrastruttura loġistika fundamentali ta' kwalunkwe katina ta' valur industrijali; jisħaq li portijiet effiċjenti u kkollegati sew bit-triq u bil-ferrovija jipprovdu servizzi effiċjenti ħafna għall-importazzjoni tal-merkanzija u aċċess għar-rotot marittimi internazzjonali ewlenin għall-esportazzjoni, u b'hekk iżommu miftuħin kanali ta' komunikazzjoni li jistgħu jkunu kritiċi għas-sigurtà tal-provvista ta' materja prima, prodotti u enerġija;*** |

Or. es

**Emenda 258**
**Bergur Løkke Rasmussen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE li qed jiffaċċjaw liġi restrittiva dwar il-*** | ***imħassar*** |

***kabotaġġ marittimu fiċ-Ċina, li de facto ma tħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn il-portijiet Ċiniżi, meta l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkostitwixxu element ewlieni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tat-trasport marittimu Ċiniżi f'ċerti portijiet tal-UE u bejniethom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tintroduċi liġi tal-UE dwar il-kabotaġġ marittimu li tista' tapplika għat-trasportaturi mhux tal-UE;***

Or. en

**Emenda 259**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE li qed jiffaċċjaw liġi restrittiva dwar il-kabotaġġ marittimu ***fiċ-Ċina***, li de facto ma tħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn il-portijiet ***Ċiniżi***, meta l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkostitwixxu element ewlieni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tat-trasport marittimu Ċiniżi f'ċerti portijiet tal-UE u bejniethom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li ***tintroduċi liġi*** tal-UE dwar il-kabotaġġ marittimu ***li tista' tapplika għat-trasportaturi mhux*** tal-UE; | 22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE li qed jiffaċċjaw liġi restrittiva dwar il-kabotaġġ marittimu ***f'pajjiżi terzi, inkluża ċ-Ċina***, li de facto ma tħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn ***dawn*** il-portijiet ***ta' pajjiżi terzi***; ***jenfasizza li*** meta l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkostitwixxu element ewlieni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tat-trasport marittimu Ċiniżi f'ċerti portijiet tal-UE u bejniethom; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li ***temenda l-liġi*** tal-UE dwar il-kabotaġġ marittimu ***sabiex l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn il-portijiet tal-UE jiġu riżervati għal kumpaniji tat-trasport marittimu*** tal-UE; |

Or. en

**Emenda 260**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE li qed jiffaċċjaw liġi restrittiva dwar il-kabotaġġ marittimu fiċ-Ċina, li de facto ma tħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn il-portijiet Ċiniżi, meta l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkostitwixxu element ewlieni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tat-trasport marittimu Ċiniżi f'ċerti portijiet tal-UE u bejniethom; ***jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tintroduċi liġi tal-UE dwar il-kabotaġġ marittimu li tista' tapplika għat-trasportaturi mhux tal-UE;*** | 22. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-kumpaniji tat-trasport marittimu tal-UE li qed jiffaċċjaw liġi restrittiva dwar il-kabotaġġ marittimu fiċ-Ċina, li de facto ma tħallihomx iwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bejn il-portijiet Ċiniżi, meta l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ jikkostitwixxu element ewlieni tal-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tat-trasport marittimu Ċiniżi f'ċerti portijiet tal-UE u bejniethom; |

Or. en

**Emenda 261**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jissottolinja l-importanza ***tal-inizjattiva*** tal-UE Global Gateway bħala alternattiva strateġika globali għall-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road"; | 23. Jissottolinja l-importanza ***ta' inizjattiva*** tal-UE Global Gateway ***b'saħħitha u maħsuba tajjeb*** bħala ***għodda biex jinbnew kurituri tat-trasport strateġiċi, sostenibbli u siguri u jiġu appoġġjati l-ktajjen tal-valur globali; iqis li l-inizjattiva tista' għalhekk issaħħaħ il-konnettivitajiet u l-kompetittività tal-portijiet tal-Ewropa meta l-investimenti jintgħażlu b'mod strateġiku u jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwi, u tista' tkun*** alternattiva strateġika globali għall-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road"; |

Or. en

**Emenda 262**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jissottolinja l-importanza tal-inizjattiva tal-UE Global Gateway bħala alternattiva strateġika globali għall-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road"; | 23. Jissottolinja l-importanza tal-inizjattiva tal-UE Global Gateway bħala alternattiva strateġika globali għall-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road"; ***jenfasizza l-potenzjal tal-proġetti tal-Global Gateway fl-industrija marittima (eż. l-infrastruttura tal-portijiet, il-konnessjoni bejn l-art interna u ferrovjarja, l-idroġenu ekoloġiku) biex jinħoloq network ta' portijiet li jiffaċilitaw il-kummerċ u l-investiment, u jwassal għal sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku;*** |

Or. en

**Emenda 263**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. ***Jissottolinja l-importanza tal-inizjattiva*** tal-UE Global Gateway bħala ***alternattiva strateġika globali għall-Inizjattiva Ċiniża "Belt and Road"***; | 23. ***Huwa tal-fehma li l-inizjattiva*** tal-UE Global Gateway ***għandha sservi*** bħala ***strument biex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-iżvilupp effettiv fil-pajjiżi li jipparteċipaw fl-inizjattiva***; |

Or. pt

**Emenda 264**
**Pablo Arias Echeverría**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-applikazzjoni tajba tad-Direttiva 2003/87/KE dwar il-kwoti tal-emissjonijiet, b'rabta mal-waqfiet evażivi fil-portijiet u r-rilokazzjoni tal-attivitajiet ta' trażbord għal portijiet li jinsabu barra mill-UE; jisħaq li din l-imġiba evażiva timmina l-portijiet Ewropej li huma ġeografikament l-aktar esposti għal portijiet kompetituri li jinsabu f'pajjiżi terzi u tista' tirriżulta f'emissjonijiet tas-CO2 ogħla;*** |

Or. es

**Emenda 265**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa ***u l-kapaċità*** tal-konnessjonijiet maż-żoni interni, ***b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T***; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa***, il-kapaċità u r-reżiljenza*** tal-konnessjonijiet maż-żoni interni, ***filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' tnaqqis fl-emissjonijiet u effiċjenza enerġetika u bl-għan li ssir kemm jista' jkun bidla mit-trasport intern għal dak ferrovjarju u bil-passaġġi fuq l-ilma interni filwaqt li ssir tħejjija wkoll għall-impatti tat-tibdil fil-klima bħal avvenimenti tat-temp estrem u livelli baxxi f'passaġġi fuq l-ilma interni u jitqies l-ippjanar għal għażliet ta' riżerva***; |

Or. en

**Emenda 266**
**Mario Furore**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa u l-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni, b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa u l-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni, b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T; ***jemmen li l-iżvilupp tal-multimodalità huwa s-sinsla għal trasport li jkun f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku;*** |

Or. it

**Emenda 267**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa u l-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni, b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa u l-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni ***b'mod sostenibbli b'rabtiet partikolari għal passaġġi fuq l-ilma interni u konnessjoni ferrovjarja***, b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T; |

Or. en

**Emenda 268**
**Andris Ameriks**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa u l-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni, b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T; | 24. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li jittejbu s-saħħa u l-kapaċità tal-konnessjonijiet maż-żoni interni ***tal-portijiet tal-Ewropa***, b'mod partikolari dawk li huma parti mit-TEN-T***, inkluż biex*** |

***jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti***;

Or. en

**Emenda 269**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb u tiġi aġġornata l-infrastruttura disponibbli fil-portijiet u li tiġi ggarantita r-reżiljenza tagħhom sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet netti żero mqiegħda fis-Suq uniku u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' proġetti strateġiċi previsti fl-ambitu tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, speċjalment fir-rigward ta' enerġija eolika fuq l-art u enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-qbid u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju;*** |

Or. en

**Emenda 270**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Ifakkar li l-passaġġi fuq l-ilma interni għandhom rwol vitali fis-sistema Ewropea tat-trasport, billi jipprovdu mod tat-trasport sostenibbli u effiċjenti għall-merkanzija u għan-nies; jisħaq, għalhekk, li l-passaġġi fuq l-ilma interni ma għandhom jitħallew barra mill-ambitu ta' Strateġija Ewropea potenzjali għall-Portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 271**
**João Pimenta Lopes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur loġistiku marittimu prosperuż; | 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur loġistiku marittimu prosperuż; ***jiddeplora, f'dak ir-rigward, it-tiċkin tal-flotta tan-negozjanti jew il-kapaċità tal-bini tal-vapuri f'xi pajjiżi, b'segwitu għal-liberalizzazzjoni tas-settur; jenfasizza l-importanza li jitreġġa' lura dan il-proċess;*** |

Or. pt

**Emenda 272**
**Marco Campomenosi, Annalisa Tardino, Paolo Borchia, Massimo Casanova**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur ***loġistiku*** marittimu prosperuż; | 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima***, kif ukoll il-bini tal-vapuri u l-katina tal-provvista tiegħu,*** fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur marittimu prosperuż; ***jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni Ewropea tiddefinixxi b'mod urġenti Strateġija Marittima Industrijali Ewropea ambizzjuża għal industrija tat-teknoloġija marittima globalment kompetittiva u reżiljenti;*** |

Or. en

**Emenda 273**
**Massimiliano Salini, Lucia Vuolo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur ***loġistiku*** marittimu prosperuż; | 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura marittima fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur marittimu prosperuż; ***jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa b'mod urġenti Strateġija Marittima Industrijali Ewropea ambizzjuża bl-għan li tistabbilixxi industrija tat-teknoloġija marittima globalment kompetittiva u reżiljenti;*** |

Or. en

**Emenda 274**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura ***marittima*** fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur ***loġistiku marittimu*** prosperuż; | 25. Jissottolinja l-importanza tal-manifattura ***u t-tagħmir marittimi*** fl-UE bħala pedament għaż-żamma ta' settur ***tat-trasport fuq l-ilma*** prosperuż***, għar-reżiljenza u għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa, għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, u għat-tisħiħ tal-ambizzjonijiet tal-UE biex tmexxi t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali***; |

Or. en

**Emenda 275**
**Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jenfasizza l-importanza tal-portijiet li huma wkoll ċentrali għall-industrija tal-manifattura u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-PDG billi jipproduċu impjiegi u jattiraw kemm investiment dirett domestiku kif ukoll barrani; jirrikonoxxi li huma vitali għall-gżejjer u għaż-żoni żvantaġġati li jibbażaw fuq it-trasport marittimu għall-provvista ta' merkanzija essenzjali bħall-ikel u l-mediċina;*** |

Or. en

**Emenda 276**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta u tistabbilixxi klassifiki ċari u operazzjonali u definizzjonijiet dwar it-tagħmir marittimu u timmonitorja x-xejriet u l-bidliet fit-termini tal-ishma mis-suq;*** |

Or. en

**Emenda 277**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Jistieden lill-Kummissjoni tirriċerka u tivvaluta l-impatt tad-*** |

| | |
|---|---|
| | ***dipendenza tal-Ewropa mill-bini tal-vapuri barrani u l-manifattura ta' tagħmir marittimu (speċjalment it-tagħmir meħtieġ għall-infrastruttura tal-portijiet) u tieħu miżuri adegwati biex issaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tat-tarzni tal-Ewropa u l-ktajjen tal-provvista kollha tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25c. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura kundizzjonijiet ekwi u li l-kompetittività tal-Ewropa fl-ekosistema tat-trasport fuq l-ilma, inkluż il-portijiet tal-UE, ma tiġix imminata minn sussidji barranin distortivi; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika lakuni legali possibbli dwar ir-Regolament (UE) 2022/2560 dwar distorsjonijiet kompetittivi minn sussidji barranin u tieħu inizjattivi leġiżlattivi biex issolvi dawn il-lakuni;*** |

Or. en

**Emenda 279**
**Jutta Paulus**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 4a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***[intestatura ġdida]***<br>***Diġitalizzazzjoni***<br>***1. Jissottolinja li d-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal kbir fil-forma ta'*** |

***teknoloġiji ġodda għall-ottimizzazzjoni tal-waqfiet fil-portijiet, li għat-tnaqqis fil-ħinijiet ta' stennija għall-bastimenti fl-ilmijiet kostali u fil-portijiet; jisħaq li s-sistemi ta' navigazzjoni avvanzata jistgħu jikkontribwixxu għal iffrankar tal-fjuwil u tnaqqis tal-emissjonijiet; jenfasizza li s-sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika jżidu s-sikurezza fuq il-baħar u jippermettu l-infurzar ta' dispożizzjonijiet ambjentali;***

Or. en

**Emenda 280**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jistieden lill-Kummissjoni tistimula programmi għall-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-portijiet, bħall-programmi dwar portijiet intelliġenti, bl-għan li jittejbu l-effiċjenza, il-produttività ***u s-sostenibbiltà*** tal-portijiet; | 26. Jistieden lill-Kummissjoni tistimula programmi għall-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-portijiet, bħall-programmi dwar portijiet intelliġenti, bl-għan li jittejbu l-effiċjenza, il-produttività***, is-sostenibbiltà*** tal-portijiet ***u l-espansjoni ulterjuri tal-infrastruttura taċ-ċibersigurtà***; |

Or. en

**Emenda 281**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jenfasizza l-aċċellerazzjoni b'saħħitha fid-diġitalizzazzjoni f'bosta portijiet tal-UE fi snin reċenti; jemmen li*** |

***dan kien faċilitatur għall-kompetittività, it-tranżizzjoni tal-enerġija u s-sostenibbiltà, il-kapaċità ta' innovazzjoni u l-ġlieda tal-Ewropa kontra l-kriminalità organizzata;***

Or. en

**Emenda 282**
**Petar Vitanov**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jissottolinja l-valur ta' soluzzjonijiet xprunati mid-data bħat-tewmin diġitali biex jinkiseb fehim aħjar u jintużaw ammonti kbar ta' informazzjoni kumplessa, li jwassal għal deċiżjonijiet aħjar dwar l-infrastruttura tal-portijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jissottolinja l-importanza tal-investimenti privati fil-portijiet u li l-kumpaniji huma dawk li jipprovdu impjieg u innovazzjoni fil-portijiet u madwarhom;*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26b. Jissottolinja li sabiex tinżamm il-kompetittività tal-portijiet tal-UE u l-funzjonament ta' Strateġija Ewropea possibbli għall-Portijiet, il-piż amministrattiv eċċessiv għandu jiġi evitat peress li dan jista' jimmina l-ħidma ta' tali strateġija, jisħaq li l-portijiet li diġà jiffaċċjaw ħafna burokrazija u li ż-żieda tagħha tkompli thedded li jispiċċa l-iskop li l-ewwel nett tinħoloq Strateġija Ewropea għall-Portijiet;*** |

Or. en

**Emenda 285**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26b. Jissottolinja l-importanza tal-ħolqien ta' qafas regolatorju faċilitatur li jiżgura li l-portijiet ikunu jistgħu jkunu minn ta' quddiem fl-innovazzjoni teknoloġika; jenfasizza li l-portijiet huma infrastruttura kritika u li l-leġiżlazzjoni teknoloġika għandha tqis din in-natura distinta u tipprevedi approċċ armonizzat lejn l-użu ta' teknoloġiji innovattivi;*** |

Or. en

**Emenda 286**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja u tiffaċilita t-tnedija ta' innovazzjonijiet diġitali, bħal droni, IA, trasport marittimu intelliġenti, eċċ., fil-kuntest ta' ambjent portwarju billi tippermetti u tħeġġeġ ambjenti sperimentali;*** |

Or. en

**Emenda 287**
**Johan Van Overtveldt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26c. Jisħaq li l-Istrateġija Ewropea għall-Portijiet ma għandhiex tkun miżura protezzjonista u għandha żżomm il-kompetittività tal-portijiet bħala prijorità ewlenija;*** |

Or. en

**Emenda 288**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija portwarja komprensiva li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq; | 27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija portwarja komprensiva li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq***, tirrikonoxxi n-natura strateġika tal-portijiet bħala*** |

| | |
|---|---|
| | ***infrastruttura kritika u tistabbilixxi dan fi strateġija olistika li tgħaqqad fehma u viżjoni Ewropej armonizzati***; |

Or. en

**Emenda 289**
**Mario Furore**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija portwarja komprensiva li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq; | 27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija portwarja komprensiva ***b'attenzjoni partikolari għall-infrastrutturi kritiċi*** li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq; |

Or. it

**Emenda 290**
**Jan-Christoph Oetjen**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija portwarja komprensiva li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq; | 27. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija portwarja komprensiva ***fir-rigward tal-infrastrutturi kritiċi*** li tindirizza l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq; |

Or. en

**Emenda 291**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***27a. Jitlob lill-Kummissjoni tavviċina l-portijiet minn perspettiva multidixxiplinari, u bħala parti minn ekosistema ta' trasport fuq l-ilma, u tippreżenta tali qafas u strateġija olistiċi sa tmiem l-2024;***

Or. en

**Emenda 292**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***27b. Jitlob lill-Kummissjoni żżid is-sensibilizzazzjoni fost il-Portijiet u l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri relatati mal-implimentazzjoni ta' inizjattivi u leġiżlazzjoni Ewropej eżistenti u ġodda, u tappoġġjahom;***

Or. en

**Emenda 293**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***27c. Jitlob lill-Kummissjoni tieħu sjieda fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, anke billi żżid il-kapaċità tagħha fin-nies u l-mezzi biex issaħħaħ id-djalogu u l-impenn mal-portijiet u mal-awtoritajiet rilevanti tal-***

| | |
|---|---|
| | *Istati Membri;* |

Or. en

**Emenda 294**
**Kathleen Van Brempt, Vera Tax, Marianne Vind, Inma Rodríguez-Piñero, Josianne Cutajar**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27d. Jenfasizza li se jkun meħtieġ li jiġu allokati finanzjament u strumenti ta' finanzjament adegwati lill-portijiet biex jibqgħu kompetittivi, ikollhom rwol ta' faċilitaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika u jrażżnu r-riskji ta' influwenza barranija; jitlob lill-Kummissjoni żżid il-perċentwal ta' finanzjament deżinjat għall-portijiet fl-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-iskemi ta' finanzjament ta' Innovation Europe;*** |

Or. en